# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 6 ta' Diċembru 2023**

**Rikors Nru: 87/2023JG**
**Nru fuq il-Lista: 6**

**Tabib Dottor Gauden sive Gaudentius Galea (K.I. 73461M), Joseph Stephen Galea (K.I. 194663M), Philip Galea (K.I. 485032M)**

**vs**

**Nazareno sive Renè Sacco (K.I 981544M) u Angela Sacco (K.I. 101846M) u l-Awtorita` tad-Djar bħala intervenuta fil-kawża[1]**

**Il-Bord;**

Ra r-rikors promotur datat 17 ta' Frar 2023[2], flimkien mad-dokumenti hemm annessi, fejn *ad litteram,* ġie premess u ntalab is-segwenti:

[1] Kliem miżjud permezz ta' digriet datat 11 ta' Lulju 2023.
[2] A fol 1 *et seq* tal-proċess.

1. *Illi r-rikorrenti t-Tabib Dottor Gauden sive Gaudentius u Joseph Stephen ahwa Galea huma sidien tal-fond soggett ghall-uzufrutt ta' missierhom Philip Galea tal-fond* ***184 gia 158, Fl 1, St Philip Flats, Triq Sant'Elena, Tas-Sliema*** *liema fond huwa mikri lill-intimati Sacco bil-kera ta'* ***€342.67*** *fis-sena pagabbli kull 6 xhur bil-quddiem kull l-1 ta' Jannar u kull l-1 ta' Lulju ta' kull sena.*

1. *Illi l-fond in kwistjoni mhux fond dekontrollat kif jirrizulta mid*-***"DOK A"*** *hawn anness liema fond ilu mikri lill-kovenuti Sacco ghall dawn l-ahhar 54 sena.*

2. *Illi l-imsemmi fond ilu mikri lill-intimati Sacco u l-antekawza minnhom ghal generazzjonijiet shah b'kera miżera, wara li kien gie hekk lokat mill-antekawza tar-rikorrenti Ludgarda Grech u sussegwentement minn ommhom u martu rispettivament Miriam Galea, u llum bil-kera ta'* ***€342.67*** *fis-sena ai termini tal-Att X tal-2009.*

3. *Illi kif fuq inghad, l-kera li l-intimati Sacco qed jhallsu a tenur tal-ligi jammonta ghal* ***€342.67*** *fis-sena, meta l-valur lokatizju tal-fond fis-suq huwa ferm u ferm aktar minn dak stabbilit bid-disposizzjonijet tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, liema disposizzjonijet gew mibdula bi ftit bl-Att X tal-2009.*

4. *Illi l-fond in kwistjoni intiret mir-rikrorenti minghand Miriam Galea skond testment taghha tal-20 ta' Ottubru 2017 fl-Atti tan-Nutar Dottor Anne Vella Galea, hawn anness u mmarkat bhala* ***DOK B****.*

5. *Illi b'dikjarazzjoni causa mortis tad-29 ta' Novembru 2022 fl-Atti tan-Nutar Dottor Corazon Mizzi, hawn anness bhala* ***DOK C****, il-fond in kwistjoni gie debitament iddikkjarat lil-Kummissarju tat-Taxxi interni.*

6. *Illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021, ossia l-Att Dwar ir-Riforma tal-Kirjiet Residenzjali Kontrollati, l-intimati huma l-inkwilini rikonoxxuti*

*tad-dar ta' abitazzjoni abbazi ta' din it-tifsira, skond xi ligi validament fis-sehh fl-1 ta' Gunju 2022.*

7. *Illi ai termini tal-Artikolu 4A(3)(c) tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-istadju inizjali tal-proceduri, il-Bord ghandu jwettaq it-test tal-mezzi tal-kerrejj li ghandu jkun ibbazat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) mahruga taht l-Artikolu 1622A tal-Kodici Civili, u kwalunkwe regolmanenti ohra li jissostituwhom ibbazat fuq id-dhul tal-kerrej bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Dicembru 2022, u fuq il-kapital tal-kerrejja fil-31 ta' Dicembru tal-2022.*

8. *Illi ai termini tal-Artikolu 4A(4), jekk il-kerrejja ma jissodisfawx il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, il-Bord ghandu wara li jkun sema evidenza u sottomissjonijiet mressqa mill-partijiet jaghti zmien sentejn sabiex id-dar ta' abitazzjoni tigi vakata.*

***GHALDAQSTANT, jghidu l-intimati, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex dan l-Onorabbli Bord m'ghandux:-***

I. ***Jiddikjara u Jiddeciedi*** *illi l-intimati* ***Nazareno sive Renè Sacco (K.I 981544M) u Angela Sacco (K.I. 101846M)*** *huma l-inkwilini tar-rikorrenti fil-fond* **184 gia 158, Fl 1, St Philip Flats, Triq Sant' *Elena, Tas-Sliema*** *u jikkwalifikaw bhala kerrejja ta' dar ta' abitazzjoni abbazi ta' din it-tifsira, ai termini tal-Artikolu 2 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kera tal-Bini u l-Att dwar id-Djar kif emendat bl-Att XXIV tal-2021.*

***II.*** ***Jordna*** *li jitwettaq it-test tal-mezzi tal-konjugi Sacco fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) mahruga taht l-Artikolu 1622A tal-Kodici Civili, u kwalunkwe regolmanenti ohra li jissostituwhom ibbazat fuq id-dhul tal-kerrej bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Dicembru 2022, u fuq il-kapital tal-kerrejja fil-31 ta' Dicembru tal-2022.*

***III.*** ***Jiddikjara u Jiddeciedi*** *illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-kera ghandha tigi riveduta ghal ammont li ma jeccedix it-2% fil-mija fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuh tal-fond 184 gia 158, Fl 1, St Philip Flats, Triq Sant' Elena, Tas-Sliema, u sabiex jigu stabbiliti kundizzjonijiet godda fir-rigward tal-kera.*

***IV.*** ***Jordna,*** *f'kaz illi l-intimati* ***Nazareno sive Renè Sacco (K.I 981544M) u Angela Sacco (K.I. 101846M)*** *ma jissodisfawx il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-izgumbrament tal-istess intimati mill-fond 184 gia 158, Fl 1, St Philip Flats, Triq Sant' Elena, Tas-Sliema, fi zmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord u mhux aktar tard minn sentejn mill-1 ta' Gunju 2022.*

***Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni u b'riserva u minghajr pregudizzju ghal kwalsiasi azzjoni ohra li tista' talvolta tigi prezentata.***

Ra l-assenjazzjoni datata 16 ta' Mejju 2023 tal-Prim Imħallef fejn il-kawżi ġodda li daħlu fil-Bord li Jirregola l-Kera u li kienu ġew assenjati lill-Onor. Imħallef Dr. Josette Demicoli fiż-żmien meta hija ġiet magħżula u elevata bħala Imħallef ġew assenjati lil dan il-Bord kif issa presedut[3].

[3] A fol 23 *et seq* tal-proċess.

Ra d-digriet ta' dan il-Bord datat 5 ta' Ġunju 2023[4].

Ra r-risposta tal-intimati konjuġi Sacco datata 30 ta' Ġunju 2023[5].

Ra dak li seħħ fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2023[6] fejn il-Bord ħatar lill-Periti Mark Camilleri u Elena Borg Costanzi.

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar datata 13 ta' Lulju 2023[7].

Ra n-nota ġuramentata tal-intimati datata 12 ta' Settembru 2023[8], permezz ta' liema ġiet eżebita d-dokumentazzjoni meħtieġa ai fini tat-test tal-mezzi.

Ra r-rapport peritali ppreżentat fit-13 ta' Settembru 2023[9].

Ra dak li seħħ fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2023[10] fejn, l-avukat difensur tal-intimati iddikjara li l-istess jirrikonoxxu lir-rikorrenti bħala sidien il-kera u l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ra l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidra;**

Illi l-proċeduri odjerni huma bbażati fuq l-Att XXIV tas-sena 2021, liema Att nieda proċedura simili għal dik li kienet daħlet fil-konfront ta' kirjiet ibbażati fuq

[4] A fol 25 tal-proċess.
[5] A fol 28 tal-proċess.
[6] A fol 30 tal-proċess.
[7] A fol 32 tal-proċess.
[8] A fol 36 tal-proċess.
[9] A fol 240 *et seq* tal-proċess.
[10] A fol 250 tal-proċess.

il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-verità l-Att XXIV tas-sena 2021 wettaq ukoll diversi emendi mill-Att preċedenti[11] u dan fi żmien relattivament qasir. Din il-leġislazzjoni hija frott numru konsiderevoli ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nostrana li ddikjarat kemm il-darba ksur tad-drittijiet fundamentali ta' sidien, kemm fir-rigward ta' kirjiet naxxenti mill-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll dawk li jemerġu mill Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi huwa minnu li l-azzjoni hawn utilizzata tippermetti ċertu ammont ta' diskrezzjoni (u allura responsabbiltà) lil dan il-Bord fl-iffissar tal-persentaġġ li għandu jintuża[12]. Madanakollu, għal dan il-Bord, huwa ċar li dan il-persentaġġ, sakemm verament ma jiġux pruvati xi ċirkostanzi estremi, għandu dejjem ikun viċin il-massimu tiegħu[13]. Naturalment dan huwa aktar aċċentwat f'każ fejn xi sidien, qabel ma jkunu niedu din il-proċedura, jkunu ottjenew dikjarazzjoni li huma sfaw vittmi ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom. Ikun ħażin li f'każ bħal dak, dan il-Bord possibbilment ikun hu stess kaġun ta' kontinwazzjoni ta' dik il-vjolazzjoni billi jiffissa kirja b'persentaġġ tant baxx li l-kirja l-ġdida tispiċċa wkoll tkun waħda irriżorja.

---

[11] Att XXVII tas-sena 2018.

[12] Dwar dan il-Bord jissenjala li l-leġislatur ħass li fejn qabel, l-Att Nru. XXVII tas-sena 2018 kien jistabbilixxi x'għandu jeżamina l-Bord meta jiġi biex jistabbilixxi l-kirja pagabbli (u dan fil-konfront tal-azzjoni taħt il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta), dan il-fattur tneħħa bl-Att Nru XXIV tas-sena 2021. B'hekk skond il-liġi tal-lum, il-Bord hu fil-libertà li jqis kull fattur li huwa jirritjeni determinanti.

[13] Huma issa diversi s-senjalazzjonijiet magħmula fi proċeduri kostituzzjonali u konvenzjonali fuq dan l-aspett. Fost diversi, il-Bord jirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **Maria Carmela Buhagiar *et* vs Avukat tal-Istat *et*,** (Rik Kost Nru: 120/20/1) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta' Ottubru 2022. Ukoll, issir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Fatima Azzopardi *et* vs Carmelo Azzopardi *et*,** (210/2020/1) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta' Ottubru 2022. Lil hinn minn deċiżjonijiet f'dik il-kompetenza però, dan il-Bord jagħmel referenza għal dak li ntqal u ġie deċiż fl-ismijiet **Helen Sammut vs Joseph Vella *et*,** (Appell Inferjuri Numru 114/2021LM) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-15 ta' Marzu 2023, fejn aggravju fuq punt simili ġie miċħud.

Illi magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet imiss li dawn il-prinċipji jiġu applikati għal-każ odjern.

Illi dwar it-titolu[14] il-Bord huwa sodisfatt bid-dokumenti eżebiti mir-rikorrenti li ma ġewx kontradetti. B'żieda ma dan, fl-aħħar seduta seħħet stqarrija ta' rikonoxximent, kif imfisser qabel f'din is-sentenza[15].

Illi minn eżami tad-dokumentazzjoni tal-intimati relattivi għat-test tal-mezzi, il-Bord huwa sodisfatt li l-intimati inkwilini jissodisfaw it-test tal-mezzi rikjest, skond il-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11[16].

Illi skond il-Periti Membri Tekniċi, il-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond in kwistjoni, fil-perjodu rilevanti skond il-liġi, jammonta għal tliet mija u għoxrin elf Ewro (€320,000). Ir-rapport kien wieħed unanimu u għalhekk dan il-Bord huwa kostrett jaċċetta dik il-konklużjoni[17].

Illi kif diġà ntqal, għal dan il-Bord, persentaġġ viċin il-massimu ta' 2% għandha tkun ir-regola, u f'dan il-każ ma ġiet ippruvata l-ebda ċirkostanza li twassal il-Bord sabiex jistabbilixxi persentaġġ inqas mill-massimu li tippermetti l-liġi.

[14] Dwar dan, il-Bord jiġbed l-attenzjoni għal-fatt li n-nomenklatura ta' min jista' jħejji azzjoni ai termini tal-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta jew l-artikolu 4A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta inbidel. Filwaqt li l-Att XXVII tas-sena 2018 (relevanti għall-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta) kien isemmi li l-azzjoni li kien "il-propjetarju" li seta' jippreżenta tali rikors, l-Att XXIV 2021, ġustament, illum jutilizza l-kliem "sid il-kera".

[15] Ma saret l-ebda nota ai termini tal-artikolu 695 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan wieħed huwa mistieden jara d-digriet fil-proċeduri **L-Avukat Dottor Richard Bernard bħala Mandatarju speċjali tal-assenti Jakub Tomasz Stechly vs Luma Holding Limited**, (Rik Maħluf Nru: 53/2020) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, nhar il-15 ta' Lulju 2021. Wieħed huwa wkoll jara, sa fejn huwa hekk applikabbli, dak raġunat fis-sentenza fl-ismijiet **Ludgarda Cachia *et* vs Carmela *sive* Carmen Mizzi,** (Rik Nru: 1012/12/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-15 ta' Novembru 2023.

[16] Regolamenti 5(7) u 6(6) magħdud ma dak li jrid ir-regolament 9.

[17] Artikolu 23(3) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

B'hekk, il-kera annwali pagabbli tal-fond in kwistjoni għandha tkun fl-ammont ta' sitt elef u erba' mitt Ewro (€6,400) fis-sena.

Għaldaqstant il-Bord qiegħed jiddisponi minn din il-vertenza billi:

1) Jilqa' l-ewwel talba u b'hekk jiddikjara li l-intimati konjuġi Sacco huma l-inkwilini tal-fond mertu ta' dawn il-proċeduri skond dak imfisser fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.
2) Jastjeni milli jqis aktar it-tieni talba billi dak hemm mitlub twettaq waqt l-andament ta' dawn il-proċeduri.
3) Jilqa' limitatament it-tielet talba u b'hekk jordna li l-intimati jibdew iħallsu lir-rikorrenti l-ammont ta' sitt elef u erba' mitt Ewro (€6,400) fis-sena bħala kera għall-fond mertu ta' dawn il-proċeduri fl-ammont ta' ħames mija, tlieta u tletin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€533.33ċ) fix-xahar, pagabbli kull xahrejn bil-quddiem u dan mid-data ta' din is-sentenza.
4) Jiċħad ir-raba' talba billi jsib li l-intimati jissodisfaw it-test tal-mezzi.
5) Jiċħad l-eċċezzjonijiet sa fejn inkompatibbli ma dak hawn deċiż.

Minħabba n-natura tal-proċeduri, kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha. L-ispejjeż tal-Awtorità tad-Djar jibqgħu bla taxxa.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur